22001D0016

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 16/2001

tat-28 ta' Frar 2001

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni teknika) u l-Anness XI (Servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li aġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 146/1999 tal-5 ta' Novembru 1999 ([1]).

(2) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2000 tat-30 ta' Novembru 2000 ([2]).

(3) Id-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Lulju 1998 li temenda d-Direttiva 98/34/KE u li tistabbilixxi proċedura dwar il-provvista ta' informazzjoni fil-qasam ta' *standards* u regolamenti tekniċi ([3]) ħa tkun inkorporata bħala parti mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Punt 1 (Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Kapitolu XIX ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jkun miżjud qabel l-adattamenti:

   ", kif emendata:

   – **398 L 0048**: bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Lulju 1998 (ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18).";

2. Il-kliem "L-Artikolu 1(2)" fl-adattament (a) għandu jkun mibdul bil-kliem "L-Artikolu 1(3)";

3. L-adattament (d) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

   "Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 8(2):

   Il-kummenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jintbagħtu mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA lill-Kummissjoni tal-KE fil-forma ta' komunikazzjoni waħda koordinata u l-kummenti tal-Komunità għandhom jintbagħtu mill-Kumissjoni lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA. Il-partijiet kontraenti għandhom, meta tkun imposta waqfa ta' sitt xhur skond ir-regoli tas-sistemi interni rispettivi tagħhom u meta tkun imposta waqfa ta' erba' xhur skond is-sistemà interna tal-Komunità Ewropea jew, fir-rigward ta' Stati ta'l-EFTA, skond iż-żewġ paragrafi li ġejjin, jinfurmaw lil xulxin dwar dan b'mod simili.

([1]) ĠU L 15, tat-18.1.2001, p. 40.
([2]) ĠU L 45, tal-15.2.2001, p. 47.
([3]) ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ta'l-EFTA għandhom jipposponu għal erba' xhur l-adozzjoni ta' abbozz ta' regoli dwar servizzi mid-data ta' meta jkun riċevut it-test ta' l-abbozz tar-regolament mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, jekk Stat ta' l-EFTA ieħor jagħti, fi żmien tlett xhur, opinjoni dettaljata li l-miżura ikkunsidrata tista' toħloq ostakoli għall-moviment liberu tas-servizzi jew għal-libertà ta' operaturi ta' servizzi li jistabbilixxu ruħhom fis-swieq ta' l-Istati EFTA.

Fir-rigward ta' regoli abbozzati dwar servizzi, opinjonijiet dettaljati minn Stati ta' l-EFTA ma jistgħux jolqtu xi miżuri dwar il-politika kulturali, b' mod partikolari fl-isfera awdjoviżwali, li l-Istati ta' l-EFTA jistgħu jadottaw skond il-liġi taż-ŻEE, u dan wara li jkunu ikkunsidrati d-diversità lingwistika tagħhom, il-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi tagħhom u l-wirt kulturali tagħhom.";

4. L-adattament (e) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 9 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-KE u l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' regolamenti tekniċi abbozzati notifikati għal tlett xhur mid-data ta' meta jkun riċevut t-test ta' l-abbozz tar-regolament

   – mill-Kummissjoni tal-KE fil-każ ta' abbozzi notifikati mill-Istati Membri tal-Komunità

   – mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA fil-każ ta' abbozzi notifikati mill-Istati ta' l-EFTA.

2. Il-perjodi ta' waqfien tal-paragrafu 1 u ta' l-Artikolu 8(2) ma għandhomx japplikaw f'dawk il-każijiet fejn,

   – minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, mal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja ta' annimali u pjanti, u minħabba regoli dwar servizzi, anke minħabba politika pubblika, notevolment il-protezzjoni ta' minuri, l-awtoritajiet kompetenti huma marbuta li jippreparaw regolament tekniċi f'perjodu ta' żmien qasir ħafna sabiex jippromulgawhom u jintroduċuhom immedjatament mingħajr ma jkunu jistgħu jsiru konsultazzjonijiet jew meta,

   – minħabba raġunijiet urġenti ikkawżati minn ċirkustanzi serji marbuta mal-protezzjoni tas-sigurtà u ta' l-integrità tas-sistemà finanzjarja, notevolment il-protezzjoni ta' depożituri, investituri u persuni assigurati, l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati li jippromulgaw u jimplimentaw immedjatamet regoli dwar servizzi finanzjarji.

   Għandhom jingħataw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-urġenza tal-miżuri meħuda. Il-ġustifikazzjoni tal-miżuri urġenti għandha tkun dettaljata u spjegata b'mod ċar b'emfażi partikolari fuq il-fatt li l-perikolu li l-awtoritajiet kompetenti kienu qed jaffrontaw kien wieħed serju u li ma jkunx jista' jiġi mbassar minn qabel u wkoll fuq il-ħtieġa assoluta li tittieħed azzjoni sabiex dan il-perikolu jkun imxejjen.";

5. L-adattamenti (g)9) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"informazzjoni li ssejħet waqfa ta' erba' xhur jew ta' sitt xhur;".

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jkun miżjud fl-Anness XI tal-Ftehim wara l-punt 5h (Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"Servizzi tas-Soċjetà ta' Informazzjoni

5i. **398 L 0034**: Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar il-provvista ta' informazzjoni fil-qasam ta' *standards* u regolamenti tekniċi (ĠU L 204, tal-21.7.1998. p. 37), kif emendata:

– **398 L 0048**: bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Lulju 1998 (ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18).

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(3) huwa mibdul b'dan li ġej:

'It-terminu "speċifikazzjonijiet tekniċi" jkopri wkoll metodi u proċessi ta' produzzjoni użati fir-rigward ta' prodotti maħsuba għall-konsum min-nies u mill-annimali u fi prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 65/65/KEE (punt 1 tal-Kapitolu XIII ta'l-Anness II tal-Ftehim), u wkoll metodi u proċessi ta' produzzjoni użati fir-rigward ta' prodotti oħra meta dawn il-metodi u l-proċessi jkollhom impatt fuq il-karatteristiċi tagħhom.';

(b) dan li ġej għandu jkun miżjud fl-aħħar ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1):

'It-test sħiħ ta' l-abbozz tar-regolament tekniċi notifikati għandu jkun magħmul disponibbli fil-lingwa oriġinali u wkoll bħala traduzzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjail tal-Komunità Ewropea.';

(ċ) dan li ġej għandu jkun miżjud mar-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1):

'Il-Komunità, fuq naħa waħda, u l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA jew l-Istati ta' l-EFTA permezz ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, fuq in-naħa l-oħra, jistgħu jitolbu aktar informazzjoni dwar abbozz ta' regolament tekniku notifikat.';

(d) dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 8(2):

'Il-kummenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jintbagħtu mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA lill-Kummissjoni tal-KE fil-forma ta' komunikazzjoni waħda koordinata u l-kummenti tal-Komunità għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA. Il-partijiet kontraenti għandhom, meta tkun imposta waqfa ta' sitt xhur skond ir-regoli tas-sistemi interni rispettivi tagħhom u meta tkun imposta waqfa ta' erba' xhur skond is-sistemà interna tal-Komunità Ewropea jew, fir-rigward ta' Stati ta'l-EFTA, skond iż-żewġ paragrafi li ġejjin, jinfurmaw lil xulxin dwar dan b'mod simili.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipposponu għal erba' xhur l-adozzjoni ta' abbozz ta' regoli dwar servizzi mid-data ta' meta jkun riċevut it-test ta' l-abbozz tar-regolament mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA, jekk Stat ta' l-EFTA ieħor jagħti, fi żmien tlett xhur, opinjoni dettaljata li l-miżura ikkunsidrata tista' toħloq ostakoli għall-moviment liberu tas-servizzi jew għal-libertà ta' operaturi ta' servizzi li jistabbilixxu ruħhom fis-swieq ta' l-Istati ta'l-EFTA.

Fir-rigward ta' regoli abbozzati dwar servizzi, opinjonijiet dettaljati minn Stati ta' l-EFTA ma jistgħux jolqtu xi miżuri dwar il-politika kulturali, b' mod partikolari fl-isfera awdjoviżwali, li l-Istati ta' l-EFTA jistgħu jadottaw skond il-liġi taż-ŻEE, u dan wara li jkunu ikkunsidrati d-diversità lingwistika tagħhom, il-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi tagħhom u l-wirt kulturali tagħhom.';

(e) L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

'1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-KE u l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' regolamenti tekniċi abbozzati notifikati għal tlett xhur mid-data ta' meta jkun riċevut t-test ta' l-abbozz tar-regolament

– mill-Kummissjoni tal-KE fil-każ ta' abbozzi notifikati mill-Istati Membri tal-Komunità

– mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA fil-każ ta' abbozzi notifikati mill-Istati ta' l-EFTA.

2. Il-perjodi ta' waqfien tal-paragrafu 1 u ta' l-adattament (d), paragrafu 1, ma għandhomx japplikaw f'dawk il-każijiet fejn,

– minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, mal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja ta' annimali u pjanti, u minħabba regoli dwar servizzi, anke minħabba politika pubblika, notevolment il-protezzjoni ta' minuri, l-awtoritajiet kompetenti huma marbuta li jippreparaw regolament tekniċi f'perjodu ta' żmien qasir ħafna sabiex jippromulgawhom u jintroduċuhom immedjatament mingħajr ma jkunu jistgħu jsiru konsultazzjonijiet jew meta.

– minħabba raġunijiet urġenti ikkawżati minn ċirkustanzi serji marbuta mal-protezzjoni tas-sigurtà u ta' l-integrità tas-sistemà finanzjarja, notevolment il-protezzjoni ta' depożituri, investituri u persuni assigurati, l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati li jippromulgaw u jimplimentaw immedjatamet regoli dwar servizzi finanzjarji.

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-urġenza tal-miżuri meħuda. Il-ġustifikazzjoni tal-miżuri urġenti għandha tkun dettaljata u spjegata b'mod ċar b'emfażi partikolari fuq il-fatt li l-perikolu li l-awtoritajiet kompetenti kienu qed jaffrontaw kien wieħed serju u li ma jkunx jista' jiġi mbassar minn qabel u wkoll fuq il-ħtieġa assoluta li tittieħed azzjoni sabiex dan il-perikolu jkun imxejjen.';

(f) dan li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Anness II

'ISLANDA

STRI

Staðlaráð Íslands

LIECHTENSTEIN

TPMN

Liechtensteinische Technische Prüf-, Mess- und Normenstelle

IN-NORVEĠJA

NSF

Norges Standardiseringsforbund

NEK

Norks Elektroteknisk Komite

PT

Post- og teletilsynet';

(g) għall-applikazzjoni tad-Direttiva, il-komunikazzjonijiet li ġejjin u li jsiru permezz ta' mezzi elettroniċi huma meqjusa bħala meħtieġa:

1. irċevuti ta' notifikazzjoni. Dawn jistgħu jintbagħtu qabel jew flimkien mat-trasmissjoni tat-test sħiħ;

2. rikonoxximent ta' l-irċevuta tat-test abbozzat, li għandu jinkludi, fost l-oħrajn, d-data rilevanti ta' meta tintemm il-waqfa liema data tkun determinate skond ir-regoli ta' kull sistemà;

3. messaġġi li jitolbu informazzjoni supplimentari;

4. tweġibiet għal talbiet għal informazzjoni supplimentari;

5. kummenti;

6. talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

7. tweġibiet għal talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

8. talbiet għal testi finali;

9. informazzjoni li ssejħet waqfa ta' erba' xhur jew ta'sitt xhur;

minkejja l-fatt li mezzi elettroniċi huma preferuti, l-komunikazzjonijiet li ġejjin jistgħu, għalissa, jintbagħtu permezz tal-posta normali:

10. it-test sħiħ ta' l-abbozz notifikat;

11. testi legali bażiċi jew dispożizzjonijiet regolatorji;

12. it-test finali;

(h) il-Partijiet Kontraenti għandhom, flimkien, jiftiehmu dwar arranġamenti amministrattivi dwar il-komunikazzjonijiet."

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-ilsien Islandiż u fl-ilsien Norveġiż, li ħa jkunu pubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjail tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2001 sakemm in-notifiki kollha mitluba mill-Artikolu 103(1) tal-Ftehim jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun pubblikata fis-Sezzjoni dwar iż-ŻEE, u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Frar 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ma hija indikata l-ebda ħtieġa kostituzzjonali.